MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 523/2013

**Catania Joanna K.I. 79566(M)**

**u**

**Catania Matthew K.I. 373884(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenuti in solidum bejniethom il-ħlas tas-somma ta’ elf u disgħa u tletin Ewro u tmien ċenteżmi (€1039.08) – rappreżentanti ammont dovut in konnessjoni ma’ servizz ta’ telefon ċellulari bin-numru 79004666 li jġib il-kont numru *A/C 40177342*, mogħti mis-soċjeta` attriċi lill-konvenuti, liema servizz ġie ikkuntrattat permezz tal-kuntratt datat 19 ta’ Gunju 2011.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenuti ġew debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta. Ra illi l-konvenuti ma ppreżentawx risposta in kontestazzjoni għall-istess talba iżda l-konvenuta Joanna Catania dehret għas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fit-28 ta' Ottubru 2013.

Ra illi fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013 il-konvenuta Joanna Catania xehdet bil-ġurament fejn hija ammettiet it-talba attriċi kif dedotta u kkonfermat li hija u l-konvenut l-ieħor, li jiġi binha, għandhom iħallsu lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' elf u disgħa u tletin Ewro u tmien centeżmi (€1039.08).

It-Tribunal spjega lill-konvenuta l-effett tal-ammissjoni tagħhom u ddifferixxa t-talba għas-sentenza għas-seduta odjerna.

It-Tribunal ra illi l-partijiet qablu illi l-ħlas isir b'pagamenti rateali ta' ħamsin Ewro (€50) fix-xahar, u li jekk il-konvenuti jaqbżu xi pagament, huma jitilfu l-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

Għaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom iħallsu lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' elf u disgħa u tletin Ewro u tmien ċenteżmi (€1039.08), bir-rata ta' ħamsin Ewro (€50) fix-xahar, bl-imgħax legali dekorribbli mis-17 ta' Settembru 2013, li hija d-data tal-preżentata ta' din it-talba, sad-data tal-pagament effettiv. Jekk il-konvenuti jaqbżu xi pagament, huma jitilfu l-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih. L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------